MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 320/2009

**Talba Nru: 320/2009VGD**

Frank Borda Limited (C446).

Vs

Alvin Laurence Micallef (Id. 437878M) u Charlene Micallef (Id. 487185M) in solidum.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenuti jigu kkundannati in solidum bejniethon sabiex ihallsu s-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,324.42) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew 1. illi preliminarjament t-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16; 2. illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-pretensjonijiet attrici kif diretti kontra l-konvenuti ghandhom jigu michuda u dana stante li l-oggetti mertu ta' din il-kawza huma afflitti minn difetti li jirrendu l-oggetti mhux tajbin ghall-uzu intiz; 3. illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici kif proposti huma ezawriti ossia estinti bin-novazzjoni; 4. illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; 5. illi fir-rigward tal-kap tal-ispejjes jigi rilevat illi dawn ghandhom ikunu interament a kariku tal-atturi u dana stante li huma ghazlu l-procedura odjerna minnflok dawk ohrajn li kienu anqas ta' piz ghal vertenza odjerna; 6. salv kull eccezzjoni u sottomissjoni ohra permessi mill-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, fejn il-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata minnhom.

Sema x-xhieda tal-konvenut Alvin Laurence Micallef.

Ra l-affidavit ta' Brian Cauchi prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit ta' Peter Francalanza prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit tal-konvenut Alvin Laurence Micallef.

Ra d-dokumenti kollha li gew pprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kienet giet irtirata u ghalhekk mhuwiex il-kaz li dan it-Tribunal jiddeciedi dwar l-istess.

Illi fil-mertu mbaghad, wara li ttiehdu in konsiderazzjoni l-provi kollha li gew prodotti, jirrizultaw is-segwenti fatti:-

Fil-21 ta' Gunju 2006, il-konvenuti kienu xtraw television u washing machine minghand is-socjeta' attrici, u kien sar ftehim li l-hlas isir permezz ta' pagamenti rateali. Fil-fatt, il-konvenuti kienu hallsu depozitu u mbaghad kienu bdew ihallsu l-pagamenti mensili fl-ammont ta' Lm29 fix-xahar u dana sa Gunju 2007 meta waqqfu milli jkomplu jhallsu. Illi l-bilanc li kien ghad fadal kien jammonta ghal €1324.42, u cioe l-ammont mitlub fl-Avviz.

Skond is-socjeta' attrici, l-konvenuti kienu waqqfu milli jaghmlu l-pagamenti peress li kienu ilmentaw li t-television ma kienx qed jahdem tajjeb. Ghalhekk kienu bghatu t-technician taghhom diversi drabi sabiex jara x'kienet il-problema, izda ma kienx irrizulta li kien hemm problema bit-television innifsu.

Illi dan ukoll gie konfermat mit-technician Peter Francalanza li mar diversi drabi ghand il-konvenuti sabiex jinvestiga l-ilmenti tal-konvenuti fir-rigward tat-television. Skond hu pero it-television kien jahdem kif suppost u ma kien fih l-ebda difett, u fil-fatt dan gie anki konfermat fir-rapport imhejji minnu stess wara kull zjara li kien ghamel ghand il-konvenuti.

Illi skond il-konvenut, filwaqt li huma ma kellhom assolutament l-ebda ilment fir-rigward tal-washing machine, huma kienu qedin jilmentaw li t-television kellu difett fis-sens li lis-screen ma kienx car u kien 'grainy' meta wiehed kien jara certu stazzjonijiet. Skond il-konvenut, it-technician tas-socjeta' attrici kien mar ghandhom diversi drabi u kull darba l-problema kienet titlaq ghal ftit u mbaghad terga tigi. Ghalhekk il-konvenut kien iddecieda li ma jkomplix ihallas il-bilanc dovut sakemm din is-sitwazzjoni tigi rimedjata.

Irrizulta wkoll li l-allegata problema fit-television bdiet xi sena wara li l-konvenuti xtraw l-istess, u jirrizulta li t-television dejjem baqa fil-pussess tal-konvenuti.

Illi t-Tribunal wara li ha konjizzjoni ta’ dan kollu jidhirlu li ma giet prodotta l-ebda prova konkreta li t-television in kwistjoni kellu xi difett jew hsara. Fil-fatt, it-technician prodott mis-socjeta’ attrici, li kien il-persuna li dejjem kien involut fil-kaz, xehed testwalment hekk:- ‘*jiena ezaminajt it-television in kwistjoni u ma sibtx ebda difett…*’ Ghandu jinghad li din ix-xhieda ma gietx kontradetta min xi xhieda ta’ terza persuna teknika jew xi prova ohra teknika, u ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jistrieh fuq ix-xhieda tal-konvenut, li zgur mhuwiex persuna teknika li jista’ jitfa dawl fuq l-allegata problema.

It-Tribunal jidhirlu li ma jirrizulta xejn mill-provi li ghandu jwasslu biex jikkonkludi li l-konvenuti kellhom ragun meta ma komplewx ihallsu l-bilanc dovut minnhom, u jidhirlu li l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet sollevati minnhom ma treggi fid-dawl tal-provi prodotti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijet tal-konvenuti u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,324.42), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------